PDF Compressor Pro



# GĦAWDEX

# X'għadda minn għalina



minn
**Charles Spiteri**

## Wirja Tradizzjonali tar-Randan

Fis-Sala Sant'Antnin, li tagħmel parti mill-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt Victoria, ġiet inawgurata u mbierka minn Mons. Isqof Mario Grech, il-Wirja tradizzjonali tar-Randan.

Fil-Wirja, imtella' mill-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira – Għawdex, wieħed seta' jifli numru konsiderevoli ta' statwi tal-Ġimgħa l-Kbira fosthom arranġament ta' Ġesù mejjet ta' Jamie Camilleri u George Farrugia, il-purċissjoni tradizzjonali li toħroġ mill-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria, xogħol immudellat fit-tafal minn Lino Fardell; abbozzi ta' statwi fit-tafal u l-kartapesta, xogħol Joe Cutajar Zahra kif ukoll diversi xogħlijiet oħra magħmula mit-terracotta u mit-tafal.

Kurċifiss xogħol fil-kartapesta tal-istatwarju magħruf Għawdxi l-Kav. Wistin Camilleri u rrestawrat minn George Mizzi; statwa barokka imsejsa fuq il-pittura ta' Peter Paul Rubens, xogħol fit-tafal u l-kartapesta minn Manuel Buhagiar; xogħol fuq idjoma pjuttost moderna, fit-terracotta minn Lorry Gatt; Marija Addolorata, statwa li nħadmet biex tiġi esposta fil-Każin tal-Banda Żejtun fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira; xogħol ta' statwi magħmula fi Spanja ta' Kurt Cassar u Kartolini Filateliċi ta' George Cassar jr.



*Ġesù mejjet ta' Jamie Camilleri u George Farrugia*



*Uħud minn dawk li żaru l-Wirja tar-Randan*



## Restawr

Għadu kif tlesta xogħol ta' restawr mill-iskultur Frankie Cassar (iż-Żejtuni) fuq l-istatwa ta' San Ġorġ tal-Ħaġar, li dan l-aħħar ġiet vandalizzata. Statwa illi fil-jiem li ġejjin ser terġa' titpoġġa f'postha, fil-Ħâra tal-Ħaġar, fir-Rabat, Għawdex.

Statwa tal-ġebel tal-iskultur Għawdxi Ġużeppi Agius, magħruf bħala l-Brejbex u li tmur lura għas-sena 1925. Ix-xogħol ġie kkummissjonat mill-Kunsill Lokali ta' Victoria.



*In-niċċa bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu*



*L-Istatwa tal-Madonna tal-Karmnu*

## Restawr ta' Niċċa u ta' Statwa

Ġie inawgurat ir-restawr tan-niċċa u tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu u t-tisbiħ tal-madwar fi Triq Qasam San Ġorġ mill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali, il-Ministeru għal Għawdex u Wirt Għawdex.

**It-twaqqif tan-niċċa.**

Il-marda tal-kolera laqtet lil Malta fid-9 ta' Ġunju 1837 u lil Għawdex fis-6 ta' Lulju, ix-xahar magħruf bħala tal-Madonna tal-Karmnu. In-nies ta' dawn l-inħawi għamlu wegħda li jekk ma jintlaqtux mill-marda huma jwaqqfu pedestall b'Madonna tal-Karmnu fuqu. Bil-ħelsien minn din il-marda, huma komplew il-wegħda fi ftit ġimgħat.

Waħda mill-iskrizzjonijiet fl-irħam illi hemm mal-faċċata tal-pedestal tan-niċċa tgħid hekk: L-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof Franġisku Sav. Caruana b'digriet tal-20 t'Awissu 1837 jagħti 40 Jum Indulġenza lil min jgħid Salve Reġina quddiem din l-istatwa tal-B.V. Maria tal-Karmnu.

Skrizzjoni oħra taqra hekk: Fl-1968 Celest Cassar waqqaf niċċa lill-istatwa ta' din il-Madonna tal-Karmnu u dejjem ħa ħsiebha f'xegħil u f'kollox għas-spejjeż tiegħu.



*Replika tal-għajn li kienet għall-użu tal-pubbliku, bdiewa u raħħala, xogħol fil-ġebla ta' Joe Spiteri minn Kerċem.*